MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2005

Citazzjoni Numru. 984/2000/1

**Francis Said u Tessie Said**

**vs**

**Martin Galea**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-atturi fid-19 ta’ Mejju, 2000, li in forza taghha, wara li ppremettew illi:

Permezz ta’ skrittura privata datata 3 ta’ Settembru, 1982, l-attrici xtrat minghand Martin Galea ix-xarabank bin-numru Y-1324 li llum qed tintuza minn Francis Said skond il-kundizzjonijiet hemm miftehema.

Skond l-artikolu 4 tal-istess skrittura, l-konvenut Martin Galea obbliga ruhu li jaghmel dak kollu li hu mehtieg ghat-transfer tal-imsemmija xarabank.

Il-konvenut Martin Galea sallum il-gurnata ghandu inadempjenti minn dan l-obbligu minnu assunt billi ghadu ma sarx it-transfer relativ minkejja diversi interpellanzi.

Talbu lill-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-konvenut naqas minn l-obbligu minnu assunt fl-iskrittura datata 3 ta' Settembru, 1982;

2. Tordna l-konvenut sabiex, fi zmien qasir u perentorju li jigi iffissat minn din l-Onorabbli Qorti, jiffirma kull dokument necessarju sabiex jigi effetwat it-transfer tal-imsemmija xarabank mal-Awtoritajiet kompetenti u fin-nuqqas li l-konvenut jaghmel dan tahtar kuraturi deputati sabiex jidhru ghal konvenut ghat-trasferiment relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li in forza taghha huwa eccepixxa illi:

Pendenti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta hemm kawza fejn qed tintalab ir-rixessjoni ta' l-iskrittura privata tat-2 ta' Settembru 1982 (Citaz. nru. 1819/95JF) u ghalhekk din il-Qorti ghandha tissoprasjedi sakemm ma' tigi deciza finalment dik il-kawza.

Bla pregudizzju u fil-mertu, t-transfer relattiv ma jistax isir minhabba illi x-xarabank mertu ta' din il-kawza huwa wirt tal-genituri tal-konvenut u *kwindi* ma jistax isir minghajr il-kunsens ta' l-eredi kollha.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-partijiet;

Rat l-atti tal-kawza fl-ismijiet "Mario Galea et vs Francis Said et", Citazzjoni numru 1819/95, li giet deciza minn din il-Qorti fis-16 ta' Jannar, 2003;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Rat id-digrieti moghtija minn din il-Qorti:

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi bi skrittura privata datata 3 ta' Settembru, 1982, il-konvenut biegh u ttrasferixxi lill-atturi, li xtraw u akkwistaw, il-*bus* numru Y-1324 tal-ghamla *Bedford* bil-prezz ta' Lm1,200, liema prezz il-venditur konvenut iddikjara illi gia rcevieh. Fuq dik l-iskrittura gie dikjarat ukoll li l-pussess tal-*bus* kien gia f'idejn l-attur, u li l-konvenut venditur obbliga ruhu li jaghmel dak kollu li hu mehtieg ghat-transfer tal-karozza a favur l-attur. Il-konvenut, *pero'*, naqas li jaghmel il-proceduri mehtiega biex jirregistra li l-*bus* fuq isem l-atturi, u, ghalhekk, l-atturi fethu din il-kawza biex il-konvenut ikun ikkundannat jiffettwa it-transfer tal-vettura ghal fuq isem l-atturi.

Il-konvenut eccepixxa li l-iskrittura *in kwistjoni* kienet qed tigi ottokottata fi proceduri ohra, u dan fuq il-bazi li il-*bus in kwistjoni* kienet tappartjeni lill-wirt tal-genituri tieghu u *kwindi* t-transfer kien null ghax ma setax isir minghajr il-kunsens tal-eredi kollha. Din il-kwistjoni giet mistharga minn din il-Qorti fil-kawza indikata fil-premessi ta' din id-decizjoni, u fis-sentenza taghha tas-16 ta' Jannar, 2003, din il-Qorti kienet accettat it-tezi attrici li l-*bus* kienet tappartjeni lill-wirt tal-genituri tal-konvenut, u *kwindi* ma accettatx li l-iskrittura tat-3 ta' Settembru, 1982, kellha tigi dikjarata nulla u bla effett. Din il-Qorti kienet osservat *in konkluzzjoni* li:

*"Minn dan kollu, allura, jirrizulta li ghat-terz, il-vettura in kwistjoni kienet tghajjat lill-Martin Galea, u dana, bhala*

*propretarju taghha, seta' jiddisponi minnha bil-forma li riedet il-ligi dak iz-zmien, u cioe', bil-kitba, kif fil-fatt ghamel. L-ostakolu ghall-validita' ta' dan il-bejgh sollevat mill-atturi (cioe', li huma ko-proprjetarji tal-vettura) ma jreggix u mhix sorretta bil-provi"*

Kien sar appell minn dik id-decizjoni quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell, izda dak l-appell gie dikjarat dezert fil-5 ta' Frar, 2004.

Darba li din il-kwistjoni giet definita konklussivament bil-fuq imsemmija sentenza, l-eccezzjoni tal-konvenut f'din il-kawza, li kienet il-meritu tal-kawza fuq deciza, issa jirrizulta li hi bla fondament legali u fattwali, u la darba dik hija ghad fadal ostakoli ghal-akkoljiment tat-talbiet attrici. Jirrizulta bhala fatt li l-konvenut biegh il-*bus* lill-attur u ircieva l-prezz taghha; hu obbliga ruhu li jaghmel it-trasferiment mehtieg tal-vettura ghal-fuq isem l-atturi, izda naqas li jottempera ruhu ma' din l-obbligazzjoni. La darba l-atturi qed jitolbu l-ezekuzzjoni ta' dik l-obbligazzjoni, u dan jista' jsir b'mod effettiv, il-Qorti ghandha u sejra tordna lill-konvenut jiffirma t-transfer u jaghmel dak kollu mehtieg sabiex il-*bus* bin-numru Y-1324 (sussegwentement numru Y-0623), tigi registrata fuq isem l-atturi Francis u Theresa Said.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza, billi wara li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' it-talbiet attrici, u ghal-fini tat-tieni talba, tordna lill-konvenut sabiex fi zmien 30 gurnata mil-lum jiffirma kull dokument necessarju u jaghmel dak kollu mehtieg sabiex jigi effetwat it-transfer tal-imsemmija *bus* mal-awtoritajiet kompetenti ghal fuq isem l-atturi Francis u Theresa Said, u f'kaz li l-konvenut jonqos li jaghmel dan fi zmien hawn impost, il-Qorti qed tahtar lil Dr. Anthony Cutajar bhala kuratur deputat sabiex jidher ghal-konvenut halli jesegwixxi t-trasferiment relattiv.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------